

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Novembru 2010

li tagħti deroga lir-Repubblika Ċeka mill-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/679/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema ta' kontroll (kontroll-kmand) u ta' sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea lil-linjal Strančice–České Budějovice

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 7789)

(It-test biċ-Ċek biss huwa awtentiku)

(2010/691/UE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/679/KE tat-28 ta' Marzu 2006 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema ta' kontroll (kontroll-kmand) u ta' sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (¹), b'mod partikolari t-Taqsima 7.1.3, tal-Anness tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/561/KE (²) li temenda d-Deċiżjoni 2006/679/KE, fir-rigward tal-implementazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-sottosistema tal-kontroll-kmand u tas-sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea.
- (2) Skont it-Taqsima 7.1.3 tal-ispeċifikazzjoni Teknika għall-Interoperabilità fir-rigward tas-sottosistema tal-kontroll-kmand u tas-sinjalar tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, l-użu tal-ERTMS/ETCS huwa obbligatorju fil-każ ta' ammeljorament jew installazzjoni ġida tal-parti tal-protezzjoni tal-ferrovija armata bis-CCS għal proġetti ta' infrastruttura ferrovjarja li jirċievu appoġġ finanzjarju minn Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali u/jew Fondi ta' Koeżjoni.
- (3) Meta s-sinjalar ikun imġedded fuq partijiet qosra (inqas minn 150 km) u fuq partijiet mhux kontinwi, il-Kummissjoni tista' tagħti deroga temporanja għal din ir-regola, sakemm l-Istat Membru kkonċernat iressaq fajl lill-Kummissjoni. Dan il-fajl għandu jinkludi analiżi ekonomika li turi li hemm vantaġġ ekonomiku u/jew tekniku sostanzjali meta jitqiegħed fis-servizz l-ERTMS iktar 'il quddiem għat-tagħmir minflok matul it-twettiq tal-proġett iffinanzjat mill-UE.

- (4) Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-fajl imressaq u l-miżuri proposti mill-Istat Membru u għandha tgħarraf lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill (³) birriżultat tal-analiżi tagħha. Meta tingħata deroga, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ERTMS tkun installata mill-inqas 5 snin wara tmiem il-proġett u hekk kif il-parti tal-linjal tige konnessa ma' linja oħra mgħammra bl-ERTMS.
- (5) Il-linjal Strančice–České Budějovice se tige ammeljorata gradwalment sal-2016, fejn ċerti partijiet qed jirċievu jew se jirċievu appoġġ finanzjarju mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali u/jew Fondi ta' Koeżjoni.

- (6) Il-linjal Strančice–České Budějovice hija iqsar minn 150 km u mhixiex konnessa ma' linja oħra digħi mgħammra bl-ERTMS. Fl-24 ta' Jannar 2010, l-Awtoritajiet Čeċi bagħtu lill-Kummissjoni talba għal deroga flimkien ma' fajl li juri li hemm vantaġġ ekonomiku u tekniku sostanzjali fl-użu tal-ERTMS sa tmiem l-2018 minflok waqt li jkun qed isir il-proġett iffinanzjat mill-UE.
- (7) Fl-20 ta' Mejju 2010 l-Assoċjazzjoni Ferrovjarja Ewropea tat-l-opinjoni teknika tagħha dwar it-talba għal deroga skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill (⁴).
- (8) Din l-opinjoni teknika indikat li l-fajl imressaq jinkludi l-elementi meħtieġa għal deroga imma ssuġġeriet li tinkiseb il-konferma li l-offerta tkun tinkludi għażla ġħat-tagħmir tal-ERTMS tal-linjal.

- (9) Fis-7 ta' Ġunju 2010, l-Awtoritajiet Čeċi kkonferma li l-offerta għall-aħħar sotto taqsima se tkun tinkludi għażla ċara għat-tagħmir tal-ERTMS tal-linjal.
- (10) Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/57/KE dwar ir-riżultati tal-analiżi tagħha,

⁽¹⁾ ĠU L 284, 16.10.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 194, 25.7.2009, p. 60.

⁽³⁾ ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Id-deroga mill-obbligi biex jiġi implementat il-Kontroll-Kmand u s-Sinjalar tat-TSI tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea għal-linja Strančice–České Budějovice mitluba mir-Repubblika Ċeka qiegħda tingħata b'dan.

Din id-deroga ngħatat sal-31 ta' Diċembru 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Siim KALLAS

Viċi President
